Nru./No. 21,609
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2026
Tuesday, 24th March, 2026

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 3545
Government Notices *3545*

Avviżi tal-Pulizija ..... 3545 - 3546
Police Notices ..... *3545 - 3546*

Avviżi tal-Qorti ..... 3546 - 3548
Court Notices ..... *3546 - 3548*

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 473

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru 170 imsejjaħ l-Att tal-2026 li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-24 ta' Marzu 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 71

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Santa Venera

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2026, mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn ħdejn il-knisja parrokkjali ta' Santa Venera, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq Reġjonali, Misraħ il-Barrieri, Triq il-Fanali u Triq l-Imsida.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance.

San Lawrenz

Nhar il-Ġimgħa, 10 ta' April, 2026, mid-9.00 a.m. 'il quddiem u s-Sibt, 11 ta' April, 2026, mid-9.00 a.m. 'il quddiem, parkeġġ se jkun projbit fi Sqaq ir-Remissa, Sqaq tal-Franċiż, Sqaq tal-Ħotba, Trejqet Wilġa ta' Gidrin, Daħlet il-Ġnien, Sqaq ta' Wara l-Għassa, Sqaq tal-Kuna, Sqaq ta' Wara l-Bjut, Sqaq ta' San Lawrenz, Sqaq il-Lewża, Sqaq ta' Verdala, Sqaq ta' Galona, Sqaq ta' Majsi u Sqaq ta' Taħt l-Imnadar;

Nhar is-Sibt, 11 ta' April, 2026, mis-6.00 p.m. sal-11.59 p.m., parkeġġ se jkun projbit fi Triq id-Duluri, Triq San Lawrenz, Pjazza San Lawrenz u Triq Ta' Ċangura;

GOVERNMENT NOTICE

No. 473

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 170 entitled the Constitution of Malta (Amendment) Act, 2026.

24th March 2026

POLICE NOTICE

No. 71

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Santa Venera

On Friday, 27th March, 2026, from 4.00 p.m. to 8.00 p.m., through near Santa Venera's parish church, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq Reġjonali, Misraħ il-Barrieri, Triq il-Fanali and Triq l-Imsida.

Public transport will be affected.

Clearance is required.

San Lawrenz

On Friday, 10th April, 2026, from 9.00 a.m. onwards, and on Saturday, 11th April, 2026, from 9.00 a.m. onwards, parking will be prohibited in Sqaq ir-Remissa, Sqaq tal-Franċiż, Sqaq tal-Ħotba, Trejqet Wilġa ta' Gidrin, Daħlet il-Ġnien, Sqaq ta' Wara l-Għassa, Sqaq tal-Kuna, Sqaq ta' Wara l-Bjut, Sqaq ta' San Lawrenz, Sqaq il-Lewża, Sqaq ta' Verdala, Sqaq ta' Galona, Sqaq ta' Majsi and Sqaq ta' Taħt l-Imnadar;

On Saturday, 11th April, 2026, from 6.00 p.m. to 11.59 p.m., parking will be prohibited in Triq id-Duluri, Triq San Lawrenz, Pjazza San Lawrenz and Triq Ta' Ċangura;

Nhar is-Sibt, 11 ta' April, 2026, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl, l-ewwel parti ta' Triq Fungus Rock se tkun two-way u aċċess għad-Dwejra se jkun biss mill-Għarb.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Marzu, 2026

On Saturday, 11th April, 2026, from 7.00 p.m. to midnight, the first part of Triq Fungus Rock will be a two-way street and access to Dwejra will only be through Għarb.

Public transport may be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

24th March, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 72

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Is-Swatar, Birkirkara

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2026, mis-6.30 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq il-Graffitti Navali, Triq il-Qanpiena, Triq Grosseto, Triq Tas-Sisla, Triq Tal-Qattus, Triq Pawlu Borg Olivier, Pjazza l-Eroj, Triq Ġorġ Borg u Triq Girgor Gatt.

It-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

L-24 ta' Marzu, 2026

POLICE NOTICE

No. 72

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Swatar, Birkirkara

On Friday, 27th March, 2026, from 6.30 p.m. to 8.30 p.m., through Triq il-Graffitti Navali, Triq il-Qanpiena, Triq Grosseto, Triq Tas-Sisla, Triq Tal-Qattus, Triq Pawlu Borg Olivier, Pjazza l-Eroj, Triq Ġorġ Borg and Triq Girgor Gatt.

Public transport will not be diverted.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

24th March, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

823

DKR 414/2015 – KANĊELLAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet datat 13 ta' Marzu, 2026, mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali (l-Onor. Imħallef Dott. Edwina Grima, LLD) wara rikors ippreżentat minn Colin Ciangura fis-6 ta' Marzu, 2026, u insegwitu tal-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-istess Qorti fil-31 ta' Ottubru, 2025, Appell Numru 213/2015, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija

kontra

COLIN CIANGURA, ta' 31 sena, iben Andy (Andrew) u Marvic xebba Mifsud, imwieled Tal-Pietà, Malta, fit-2 ta' Diċembru, 1994, residenti fil-fond bin-numru 75, Gauci,

DKR 414/2015 – CANCELLATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 13th March, 2026 given by the Criminal Court of Appeal (the Hon. Judge Dr Edwina Grima, LLD) after an application filed by Colin Ciangura on the 6th March, 2026, and following the execution of judgement given by the same Court on the 31st October, 2025, Appeal Number 213/2015, in the case in the names:

The Police

versus

COLIN CIANGURA, 31 years, son of Andy (Andrew) and Marvic née Mifsud, born in Tal-Pietà, Malta, on the 2nd December, 1994, residing at number 75, Gauci, Flat 4, St.

Flat 4, Triq San Ġorġ, Santa Venera, Malta, u detentur tal-karta' tal-identità Maltija bin-numru 538194M.

Il-Qorti ORDNAT IT-TĦASSIR tal-ordni tas-sekwestru tal-assi kollha tal-imsemmi Colin Ciangura, liema ordni kienet ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Claire L. Stafrace Zammit, LLD) b'digriet datat 7 ta' Settembru, 2015, u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Settembru, 2015.

Dan l-avviż qed jiġi ppubblikat ai termini tal-artikolu 22A (2)(b)(6) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum 20 ta' Marzu, 2026

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

George's Street, Santa Venera, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 538194M.

The Court ORDERED THE CANCELLATION of the freezing order of all the assets of the said Colin Ciangura, which order was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Claire L. Stafrace Zammit, LLD) by a decree dated 7th September, 2015, and published in the Government Gazette of the 15th September, 2015.

This notice is being published according to section 22A (2)(b)(6) of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Today the 20th of March, 2026

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Tribunals (Malta)

824

DKR 51/2013 – VARJAZZJONI TAL-IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fis-16 ta' Marzu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Kevan Azzopardi, LLD) wara żewġ rikorsi ppreżentati minn Francis Portelli u Anthony Cassar fit-12 ta' Awwissu, 2025, u fid-29 ta' Jannar, 2026, Kumpilazzjoni Numru 175/2013, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Rennie Stivala)

kontra

ANTHONY CASSAR, ta' 76 sena, iben George u Josephine xebba Farrugia Bugeja, imwieled Raħal Ġdid, Malta, fil-25 ta' Diċembru, 1949, residenti fil-fond bin-numru 142, 'Villa Marandelle', Triq Xintill, Ħal Tarxien, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 45750M; u

FRANCIS PORTELLI, ta' 76 sena, iben John Joseph Andrew u Maria Dolores xebba Camilleri, imwieled Tas-Sliema, Malta, fl-4 ta' Diċembru, 1949, residenti fil-fond bin-numru 14, 'Aidengrove', Triq Sir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 986249M.

DKR 51/2013 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 16th March, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Kevan Azzopardi, LLD) following two applications filed by Francis Portelli and Anthony Cassar on the 12th August, 2025, and of the 29th January, 2026, Compilation Number 175/2013, in the case in the names:

The Police
(Inspector Rennie Stivala)

versus

ANTHONY CASSAR, 76 years, son of George and Josephine née Farrugia Bugeja, born in Paola, Malta, on the 25th December, 1949, residing at number 142, 'Villa Marandelle', Triq Xintill treet, Ħal Tarxien, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 45750M; and

FRANCIS PORTELLI, 76 years, son of John Joseph Andrew and Maria Dolores née Camilleri, born in Tas-Sliema, Malta, on the 4th December, 1949, residing at number 14, 'Aidengrove', Triq ir Augustus Bartolo, Ta' Xbiex, Malta, and holder of Maltese identity card bearing number 986249M.

Il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens li:

1. Tordna li l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-21 ta' Frar, 2013, tiġi regolata skont il-liġi kif emendata bl-Att VI tal-2024 u emendi sussegwenti; u

2. Tillimita l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-21 ta' Frar, 2013:

a) Fil-konfront tal-imputat Anthony Cassar għall-ammont ta' flus ta' żewġ miljuni, tnejn u erbgħin elf, disa' mija u sebgħa u disgħin ewro (€2,042,997) jew għall-proprjetà li jkollha valur li ma jkunx akbar minn din is-somma flus; u

b) Fil-konfront tal-imputat Francis Portelli, għall-ammont ta' żewġ miljuni, tnejn u erbgħin elf, disa' mija u sebgħa u disgħin ewro (€2,042,997) jew għall-proprjetà li jkollha valur li ma jkunx akbar minn din is-somma flus.

Ai termini tal-Artikolu 36(11) il-proprjetà l-oħra tal-imputati li mhijiex inkluża fl-Ordni ta' Qbid u Ffriżar kif varjata b'dan id-digriet m'għandhiex titqies bħala suġġetta għal Qbid u Ffriżar u għandha tiġi rilaxxata.

Il-Qorti finalment tordna n-notifika minnufih lid-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi li għandu jaċċerta li din l-Ordni li tvarja l-Ordni ta' Qbid u Ffriżar ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-21 ta' Frar, 2013, tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern mingħajr dewmien, u għandu jaċċerta li kopja tal-Ordni tiġi reġistrata fir-Reġistru Pubbliku, fir-Reġistru tal-Artijiet u fi kwalunkwe reġistru ieħor imwaqqaf b'liġi għar-reġistrazzjoni ta' proprjetà tkun ta' liema xorta tkun. Kopja ta' din l-Ordni għandha tiġi notifikata wkoll lil kull persuna li l-prosekuzzjoni jew id-Direttur jistgħu jindikaw.

Din il-varjazzoni saret ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet tal-ordni tal-iffriżar datat 21 ta' Frar, 2013, li kien ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Frar, 2013, fejn il-Qorti ssekwestrat f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali tal-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lill-imsemmi Anthony Cassar u Francis Portelli.

Illum 20 ta' Marzu, 2026

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati Kriminali u Tribunali

The Court Acceded to the requests of the defendants in the sense that:

1. Orders that the Seizure and Freezing Order issued by this Court as otherwise presided of the 21st February, 2013, will be regulated according to law as amended by Act VI of 2024 and subsequent amendments; and

2. Limit the Seizure and Freezing Order issued by this Court as otherwise presided of the 21st February, 2013:

a) Against the accused Anthony Cassar for the amount of two million, forty-two thousand, nine hundred and ninety-seven euros (€2,042,997) or for the property that has a value not exceeding this sum of money; and

b) Against the accused Francis Portelli, for the amount of two million, forty-two thousand, nine hundred and ninety-seven euros (€2,042,997) or for the property that has a value not exceeding this sum of money.

In terms of Article 36(11), the other property of the defendants which is not included in the Seizure and Freezing Order as varied by this decree shall not be considered subject to the Seizure and Freezing Order and must be released.

The Court finally orders the immediate service to the Director of the Asset Recovery Bureau who shall ensure that this Order which varies the Seizure and Freezing Order of this Court as otherwise presided of the 21st February, 2013, is published in the Government Gazette without delay, and shall ensure that a copy of this Order is registered in the Public Registry, the Land Registry and any other registry established by law for the registration of property of whatever nature. A copy of this Order shall also be served to any person whom the prosecution or the Director may indicate.

This variation was made in terms of Section 5 of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta and Section 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta following a freezing order dated 21st February, 2013, which was duly published in the Government Gazette of the 26th February, 2013, whereas the Court ordered the attachment in the hands of third parties in a general manner, all monies and other movable property which may be due to or belonging to Francis Portelli and Anthony Cassar.

Today 20th March, 2026

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603